# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭjelhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-28 TA OTTUBRU, 1913. Nru. 88.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Cliem tad-deheb.

V.

## Haûn il għacs għax haûn il ħażen.

Minn fejn hu gej da'l għacs, li għandna fukna?—Għal di'l mistoksija, bħalma ġà għedna, icun hemm min iŭiegeb bid-daħc; u icun hemm ucoll min igib ragjunijet, tajjbin iva, iżda li ma ilaħħkux għal dac li irridu nafu. Ħalli, immela, nistaksu lill Cotba għeżież tas-*Sagra Scrittura*, li, bħalma aħna il Cattolici, chif ucoll il Protestanti, nemmnu u nistkarru, hi il chelma t'Alla mictuba. Niftħu, għalhecc, da'l Ctieb imkaddes; u naraŭ dan x'iŭiegeb għall mistoksija tagħna. B'hecc, xejn-xejn, daŭc li igħattu għajnejhom bil għarbiel, biex ma jaraŭx il castighi t'Alla, u igħidu li daŭn huma collha klajja u ħrejjef tal kassisin, biex ibeżżgħu bihom in-nies, ma icollhomx scużi x'igibu.

Chelmiet, li għandhom iriegħdu bil biża, huma daŭc li, hemm fil Ctieb tal *Leviticu* (Cap. 26.v.14.21.), isamma il Cbir Alla, x'ħin igħid: «Jecc intom ma tobdux għall cmandamenti tiegħi, jecc ticsru il Ligi tiegħi, jecc ŭiden ma tatux għal dac li ngħidilcom Jen, bla xejn telf ta żmien, Jena niccastigacom bil għacs u bil miżerja; niccastigacom bl'aħrax rekka ta killa. Infarrac l'ebusija tas-suppervja tagħcom; ingiegħel is-Sema isir tal ħadid għalicom u l'art issir tal bronż. Il ħedma u it-tbatija tax-xogħol tagħcom imorru collha fir-riħ; l'art għalicom ma tnibbitx, ankas is-siġar ma jatucom il frott. U jecc intom tieħduha contra tiegħi, u ma tcunux tridu tobduni, Jena inżid u incattar, għal mija u elf darba, il castighi fukcom, imħabba id-dnubiet tagħcom.»— Fil Ctieb tal *Proverbi* (C. 14. v. 34.), li Spirtu is-Santu igħid daŭn il chelmiet l'oħra: «Id-dnub jagħmel imsiechen u infelici il popoli.» Ma igħidx li jagħmel imsejcnin biss lill bniedem ŭieħed jeŭ lil poplu ŭieħed, imma il popli sħaħ.

Mita il bniedem issejjaħlu imsejchen jeŭ infelici, tcun trid tfisser li dac icun ta min jibchiħ u jitħassru, għal xi disgrazzja cbira li icollu fuku, għat-telfa tal kraba, ta saħtu, ta gidu, f'chelma ŭaħda għal xi deni cbir, li icun għadda minn għaliħ.

Għalchemm il ftit cliem li s'issa għedna hu biż-żejjed biex aħna nifmuha darba għal dejjem, li fejn hemm il ħażen, hemm il għaŭġ, il gŭaj u is-saħta, għaliex id-dnub jiġbed urajħ, cull fejn jersak, il castighi, bħalma flimchien mal eŭŭel dnub daħlet il meŭt u daħal il hemm l'ieħor collu fid-dinja; imma, billi haŭn aħna kiegħdin insemmu il għacs, inħallu l'eluf ta eluf ta castighi, li, biss-biss, f'li *Scrittura Mkaddsa* insibu imsemmijin, li bihom Alla dejjem ħallas mhux biss lil ftit bniedmin, imma lil popoli u lil nazzjonijet sħaħ imħabba id-dnubiet taħħom; insemmu xi ftit (u ftit ŭisk) minn daŭc il castighi li bihom, chif insibu f'li *Scrittura*, Alla, per mezz tal għacs, iccastiga il bniedmin għall ħażen taħħom.

Kabel xejn, hu tajjeb infissru li, mita ngħidu *ġuħ* u mita ngħidu *għacs*, incunu ngħidu li stess ħaġa; għaliex il għacs isieħ il ġuħ, u fejn jinsab il ġuħ hu sinjal li icun hemm il għacs; u għalhecc, bosta drabi, f'li *Scrittura* insibu imsemmi il ġuħ minn f'lôc il għacs.

(*Jissocta*) S.A.S.(*)

(*) M'hemmx bżonn ngħidu li *S.A.S.* hu li stess *A.S.* ta kabel, għax jidher ŭaħdu, seŭŭa minn chif jicteb u seŭŭa għax jissocta fuk li mgħoddi: imma, billi aħna għidna li hu *Sacerdot*, deherlu li għandu iżid dic l'ittra *S.* kuddiem it-tnejn l'oħra; u deherlu tajjeb ħafna. Anzi, aħna nixtieku li hu iniżżel ismu sħiħ, għax dac hu isem li jagħmel onur lîlu in-nifsu u lîlna.

Id-Direzzjoni.

## NITGHALLMU X' IN HI IR-RELIGJON

Fittixt s'issa fuk il *Habib* nuri lil ħut il ħmerijet li jingħadu illum minn min tilef id-daŭl tal Fidi u minn min jixtiek jara il Malta, art tŭelidna, makluba ta taħt fuk u imneżżgħa mill'isbaħ ġaŭhra li għandha, il Fidi Cattolica. U xejn ma għandu ŭieħed jaħseb li dac li għidt hu cull ma igħidu daŭn li mberchin li ħolmu bîna, biex jatuna id-daŭl tad-dlamijet taħħom; lè; għaliex kalu iżjed, igħidu iżjed: dac li s'issa għidt juri il ħmerijet jeŭ le minn taħħom. Sejjaħtilhom ħmerijet, għaliex, bħalma rajna, dac collu li kalu hu falz minn rasu sa sakajħ. Issa daŭc collha li igħidu daŭn il ħmerijet (u daŭn fid-dinja ma jingħaddux) juru li jemmnu scond ma igħidu; u għaliex dac li igħidu hu contra il Fidi, juru li tilfu di'l Fidi, li ma bakgħux jemmnu. Għaliex ma bakgħux jemmnu? Għaliex ħalleŭ il libsa sabiħa tal Fidi tiċċarrat u taka minn fukhom biċċa biċċa sa chemm tilfuha. Għaliex? Dan irrid nuricom illum u forsi xi darba oħra ucoll, sabiex mita ŭieħed jara x'in hu li ġarraf tant u tant fl'incredulità (nukkas tat-tŭemmin), jokgħod b'għajnejħ miftuħa seŭŭa biex ma jitlifx il Fidi, u mal Fidi ruħu.

U xejn ma għandu ŭieħed jaħseb li dan li sejjer ngħid, hu barra minn locu, lè; għaliex għalchemm dac il genn, dic is-saħna, dic is-sacra li rajna ftit ilu contra ir-Religjon Cattolica birdu xi ftit; għalchemm, forsi, ma tantx għadna naraŭ sensali imħallsin apposta jiġgereŭ ilsienhom barra bħal clieb fis-sajf u għarkanin xraba biex juru li il verità tinsab fil contradizjonijet tal protestantiżmu u mhux le fir-Religjon Cattolica, li dejjem chienet ŭaħda mit-tŭelid taħħa u katt ma biddlet; għalchemm donnu il baħar rakad xi ftit, għandna nafu li dis-saħna tista' tarġa tieħu, da'l genn jista' jarġa jakbad, da'l baħar jista' jarġa ikum, għax ix-xogħol tal ħażen għadu isir fil cŭiet; u kiegħed jistenna ix-xokka f'moxtha biex jarġa joħroġ bittâma li dac li tilef illum jirnexxilu darb'oħra.

Tajjeb, immela, li ŭieħed icun jaf għaliex il Fidi tintilef, biex mita nisimgħu il xi ħadd ilablab contra taħħa naraŭ għaliex tilifha, u minn dan naraŭ ucoll chemm għandna nemmnuħ.

In-nukkas tat-tŭemmin m'hux gej minn caŭza ŭaħda, imma hu gej minn daŭn it-tliet ħŭejjeġ: l'injuranza tal moħħ, is-suppervja tal ħajja u it-tħassir u il ħażen tal kalb.

L'injuranza tal moħħ. Chien igħid ŭieħed għaref, l'Abbati Marlinet, li l'injuranza hi il ħajja tan-nukkas tat-tŭemmin. U ma chienx igħid ħażin; għaliex ir-religjon, il fidi cattolica, chiecu ŭieħed jistudjaha chif jixrak u jinħtieġ, chiecu ma jitlifhiex chif gieb u laħak. Mita int ma tatix cas ta ħaġa, tispiċċa

biex bil ftit il ftit tinsiha. Issa nistgħu aħna nistudjaŭ ir-Religjon tagħna jeŭ billi nisimgħu il priedchi, jeŭ billi nakraŭ il cotba li jitħaddtu fukha.

Billi nisimgħu il priedchi. Il priedchi isiru, imma chemm ftit imorru jisimgħuhom! Dejjem li stess nies, erbgħa l'haŭn u l'hinn: u il bkija? il bkija, u daŭn issib li actar għandhom bżonn tal priedchi, jeŭ jokogħdulec id-dar, jeŭ jitħaddtu fil ħŭienet, jeŭ jilgħabuhom, jeŭ, għax issa daħlet moda ġdida biex ma tismax priedchi u ticser riġlejc jeŭ idejc it-tnejn, jeŭ tiġġerra u tiffolla għal *foot ball.* Jen ma ngħidx li dan il logħob ma hux sabiħ u li ma iħarrgecx; imma mita nara ħafna nies, irgiel, nisa, tfal, xebbiet u xjuħ miġburin jaraŭ il logħob fil ħin li jistgħu jaħlu nofs siegħa jisimgħu il chelma t'Alla, inħoss kalbi tinkasam, għax naħseb li daŭn ma jisimgħux il chelma t'Alla, u ma jitgħallmux liema ġmiel jinsab fir-Religjon u hecc bil ftit il ftit jibdgħu ma jatux cas taħħa u jistgħu jitilfuha. Oħrajn imorru il priedca: imma billi ma imorrux il Cnisja b'fini rett, biex jisimgħu il chelma t'Alla, l'ebda gid ma iħossu u l'ebda tagħlim ma jidħol f'rashom biex jixgħililhom kalbhom. Niftacru li Alla l' imbierec jisserva b'cullħadd, bil għaref u bid-dgħajjef, ma għandniex immela insaksu min sejjer jippriedca, jecc hux għaref, jecc hux sabiħ, jecc ħux tŭil; imma immorru biex nisimgħu il chelma t'Alla, għaliex mhux darba u tnejn predicaturi għorrief ħalleŭ it-temp chif sabuħ, mentri predicaturi ta hecc-hecc għamlu l'acbar gid; niftacru fil Curat ta Ars imżejjen biss bil għerf tas-Sema. U għalhecc mita ŭieħed ma jismax priedchi, jeŭ jismaħhom, imma mhux biex isakki lir-ruħu, imma biex jagħrax il ŭidnejħ, dan chif jista' jistudja ir-Religjon? chif jista' jitgħallem il veritajjet taħħa? Ma nistagħġbux, lè, immela, mita naraŭ li fostna ucoll jinsabu nies li ma jafux x'in hi il Fidi, x'in hi il grazzja, x'in huma is-Sagramenti, chemm jinħtieġu, chemm jisŭeŭlna, u chif għandna nithejjeŭ biex nircevuhom; li ma jafu xejn fuk il Cnisja ta Gesù Cristu, fuk is-setgħa taħħa, xejn fuk it-talb u chemm jinħtieġ u chif għandna nitolbu, xejn fuk il bżonnijet ta ruħna, chif għandna inkaddsuha, xejn fuk il Cmandamenti t'Alla u tal Cnisja; u xi drabi issib ucoll xi ħadd li ma jafx l'eŭlenin misteri tar-Religjon.U m'inhiex incabbarha u ngħaġġibha, lè; jinsabu fostna minn daŭc li ma jafu xejn, chemm-chemm iroddu is-salib u xejn iżjed. Issa daŭn chif jistgħu jistmaŭ ir-Religjon? chif igħożżuha, chif jakbżu għaliha? Jeŭ, aħjar, chif ma jitilfux il ftit li għandhom, ma l'eŭŭel riħ ta ħażen li jonfoħ fukhom? Missierijetna u ommijetna, mita chien jasal il Ħadd jeŭ xi festa iccmandata, ŭara nofs in-nhar chienu jeħduna il priedca u ŭara il priedca għad-daŭra, għax collox irid icun; imma, billi chienu imorru il priedca, għalavolja forsi ma tantx chienu jafu scòla, tgħallmu tant ħŭejjeġ sbieħ fuk ir-Religjon li chienu jafu isoddu malajr ħalk l'eŭŭel ibleħ li chien jidħer kuddiemhom biex jatihom id-daŭl jeŭ in-nar tal infern. Nagħmlu aħna ucoll bħalhom ma uliedna, ma daŭc li jinsabu taħt iddirezzjoni tagħna, biex naraŭ chemm hi ħaġa ta min iħobbha ir-Religjon Cattolica u fejn tinsab ucoll il falzità tar-religjonijet l'oħra u hecc ħadd ma jidħac bina u b'ruħna.

Imma ir-Religjon mhux biss bil priedchi li nisimgħu nistgħu nistudjaħha; imma ucoll bil cotba li jitħadtu fukha. Fuk dan ittieni mezz nitħaddtu darb'oħra; u għal-lum biż-żejjed.

DUN MANŬEL.

## IL PROCESSJONIJET.

( *Għeluk l'articlu* ).

L'aħħar darba tchellimna mil processjonijet li isiru f'Lourdes bis-S.S. Sagrament. Nakbdu illum fil processjoni tat-torci ( *procession aux flambeaux* ).

Din il processjoni issir ma dŭar it-tmienja ta fil għaxija. Jinġabru fiha actarx il pellegrini collha il jinzertaŭ hemm f'Lourdes: nisa, rgiel, fokra, sinjuri, kassisin, patrijet, sorijet, iskfijet, arciskfijet, f'chelma ŭaħda minn cull xorta u minn cull gens ta nies. Tarahom ilcoll chemm huma bix-xama jeŭ bit-torci, fuknett tilmaħ bħal lembut tal carta gustus ħafna bil Grotta ta Lourdes pinġuta fuku, jeŭ b'daŭn il chelmiet: Viva Lêuni XIII. Dan il lembut jisŭa biex jilka ir-riħ, u hecc ix-xama ma jobgħodx ilebleb, jeŭ jintefa. Fis-sena 1895, il pellegrini maltin collha li marru Lourdes issieħbu f'din il processjoni, saħansitra Monsinjur Pace u Monsinjur Camilleri. Dac ġmiel ta processjoni, mbierec Alla! Sgur fid-dinja collha ma issir imchien bħalha. Jilħak icun fiha għoxrin elf ruħ u ictar ucoll. Dac briju li jagħmlu daŭc id-dŭal collha! Donnhom jissieħbu mad-daŭl tal cŭiecheb, biex ifaħħru ll'Alla u il Sidtna Marija. Iżid u icattar dejjem iżjed il ġmiel ta dic il processjoni il cant ħelu tal *Ave Maria.* Dac cant! Dic ħleŭŭa! Dic għaxka! Tisthajlec geŭŭa il genna.

U chif jista icun xort'oħra, jecc il cliem tal *Ave Maria* minnu in-nifsu hu ŭisk sabiħ? Jarġa, mbagħad, li jitcanta xi drabi minn 20 elf ruħ f'dakka. Hecda chif l'Appostlu Missierna Paŭlu mar igħid li l'ebda ŭidna ma semgħet, l'ebda għajn ma rat dac li Alla hejja fil genna għal min iħobbu, hecc jena ngħid li ŭidnejja katt ma semgħu u għajnejja katt raŭ bħal dac li jiġri geŭŭa Lourdes. Biss jemminni u jifhimni min bħali chellu ix-xorti imur hemm. Istaksu lill Monsinjur Pace, lill Monsinjur Camilleri, lill Monsinjur Debono, lis-Sur Alfonsu Galea u x'naf jen, u araŭ jecc igħidulcomx ilcoll xorta ŭaħda. Il processjoni tat-torci tmarċa actarx minn kuddiem il Grotta, titla għal fejn il Basilica mit-taraġ tan-naħa il ŭaħda, u tinżel imbagħad mit-taraġ tan-naħa l'oħra. Xi drabi tibka sejjra sal Grotta msejjħa ta Spilugues, titla mit-triek tal *Via Sagra* għal fuk il *Calvarju.*

Xtakt li chiecu chelli ilsien u moħħ iħoss biex cont chiecu infisser aħjar iż-żeŭġ processjonijet li fi żmien il pellegrinaġġ isiru cull jum ġo Lourdes.

Cull pellegrinaġġ li jasal f'Lourdes jidħol actarx ucoll bil processjoni għal geŭŭa il Grotta tal Madonna fost id-dakk doblu tal kniepel u bl'oħla cant. Il processjoni tibda actarx mill'istazzjon tal ferrovija, bħalma bdiet tal pellegrinaġġ malti. Il missjunari ta Lourdes jilkgħu il processjoni b'maniera l'iżjed ħelŭa. Mita il pellegrini jaslu Lourdes, fil għodu erħilhom jisimgħu il kuddies, jitkarbnu u jagħmlu devozzjonijet oħra. Il ħleŭŭiet li iħossu f'kalbhom jifmuhom huma biss.

Mil processjonijet li isiru fil Kabar ta Cristu u f'Lourdes, imissna nitgħallmu chif ingibu-ruħna fil processjonijet li nagħmlu haŭn Malta. U, mbagħad, inġarrbu sgur chemm tisŭielna għar-ruħna processjoni magħmula seŭŭa.

DUN XAND CORTIS.

---

Mil LUCERNA TAL HAJJA.— 79. Cûl u ixrob dejjem fil ŭakt u bil kies, għax bosta tilfu bil gula is-saħħa ta ruħhom u ta gisimhom.

## Ma dûarna.

—L'articlu tas-Sur Micallef-Goggi fuk *San Gennaru* u il poeżija tas-Sur Nin Calleja, chif ucoll li *Storja tal Papiet* tar-Rev. Cappillan Bonanno, it-*Tifsir tal Ġubleŭ* tar-Rev. Cappillan Vella u is-*Sinjali t'Alla* tat-Tabib Gustavu Busuttil, għal darb'oħra.

—Ilbierħ ħadna ferħa u għalja. Chif conna nkallbu il carti tal *Habib*—caxxun cbir, mi mli u marsus għall'aħħar—iltkajna ma ittra li kalb it-tgherfix chienet bakgħet magħluka u sibna fiha l'aħħar biċċa tal articlu tar-Reverendu Dun Xand Cortis fuk il *Processjonijet.* Ħadna ferħa, għax l'articlu tiegħu, tant sabiħ, tal fejda għall karrejja tagħna u mictub b'moħħ għoli u b'kalb cbira ta Sacerdot, m'hux sejjer jibka' bla magħluk, chif ġara lil chemm il ŭieħed ieħor u chif conna ħsibna li ġralu hu ucoll; u ħadna għalja, għax sibna li aħna, għad li bla rieda tagħna, inkasna lil dac il chittieb tant magħruf u imfittex, billi ħallejnielu l'articlu tiegħu bla mitmum għal ħafna gimgħat u xhur. Illum stess, mela, inseŭŭu il biċċa mill'aħjar li nistgħu.

—Niżżu-ħajr lill Professur Monsinjer Dun Ġŭann Formosa, B.A., DD., I U.D., li minn dejjem chellna għaliħ u għal għerfu kima cbira, tad-*Discors* li għoġbu jibgħatilna fuk *La Rivelazione e l'Uomo* (*ir-Religjon ngħarrfa u il Bniedem*). Dan id-*Discors* għamlu fil festa tal premji tal Liceo, li saret f'eŭŭel ta dan ix-xahar fil Cnisja tal Geżŭiti; u biħ ŭira mhux biss chemm jakra fil fond u chemm għandu cunfidenza mal akŭa chittieba ta cull ilsien, bit-taljan, bil latin, bil grieg, bl'ingliż, bil franciż, bit-tedesc; imma ucoll chemm jara mil bgħid fejn hu kiegħed u fejn għad jista icun il gŭaj għall ġuvintur tagħna, b'moħħ mitfuħ għal cull għerf u b'kalb ta Sacerdot chif jinħtieġ illum, u ta Patrijott tas-seŭ u tal-fejda għall Poplu, għax il ġuvintur li tielgħin issa huma daŭc li għandhom idaŭŭlu il Poplu il-kuddiem u gŭaj għall Malta jecc huma stess icunu fid-dlam fuk ittagħlim tar-*Religjon Cattolica.* Actar ma jicbru il ħażen u il kerk ta ma dŭarna, actar hemm bżonn jinfethu li mħuħ u il klub tal ġuvintur fuk il ħŭejjeġ tar-*Religjon* minn Sacerdoti tal katgħa u tal ħila tal Professur Dun Ġŭann Formosa, unur u żina tal Cleru u tal Università ta Malta.

—Nifirħu b'kalbna collha lir-Reverendu Patri Bernard Grech, ħabib għażiż tagħna, li raġa giè imŭettak Pirjol tad-Dumnicani tal Birgu. Patri Grech mhux haŭn Malta biss ŭira chemm jisŭa lill'Ordni tiegħu.

—Natu aħbar oħra tajjba u natuha b'chelmtejn biss, għax fiha infisha tgħid collox: il *Qŭaresimalista* ta San Ġŭann, is-sena li gejja, icun il Professur Patri Majjistru Cuschieri.

— Nifirħu tas-seŭ u nfaħħru b'kalbna f'idejna lill Cumitat tal *King's Own Band,* li, mita għaraf seŭŭa x'in hi il fehma tal Pajjiż u l'actar mita sama' bid-daħca tal Ministru, neħħa 'l ħsieb li jibka' jaħdem biex issir lill'Ingliżi dic il festa li hu stess chien kankal; u dan il ħsieb mhux biss neħħieħ b'Seduta li saret fit-23 ta dan ix-xahar, imma, b'ittra tal Procuratur Legali Dŭardu Axiak Mifsud, Segretarju tiegħu, xandru fil gażetti. Nifirħulu u nfaħħruħ, bħalma kabel makdarnieħ, għax dan hu iddmir tal ġurnalista li għandu il cunxenza tiegħu nadifa u li ma jistaħbiex ŭara il għarbiel, jeŭ għax rasu sħuna bil partiti jeŭ għax mogħmi mir-regħba tal flus. Dmir jebes, għax il boloħ huma actar minn talgħakal: imma sabiħ ucoll għal min jaf jiġbed dritt bla ma jieħu xejn għall għajjurin u għal daŭc iż-żnażan, li huma is-seħta ta Malta!

—Nhar is-sibt li gej, jibda li stagjun tat-Teatrin fil Palazz Caraffa (*Unjoni Cattolica*). Fuk il għażla tad-dramm u fuk il ħin, joħorġu l'Avviżi fil cantunieri.

—Is-Sur Walter Cesareo, li jokgħod il Ħamrun, strada Annunziata, numri 108, 110, jakdi tajjeb ħafna lil min icun irid ifittex xi Legati jeŭ jitlob biex Ruma tatiħ xi grazzi fuk xi Legati.

—Is-Sur Fredu Azzopardi P.I., li għandu l'Ufficcju tiegħu haŭn il Belt, strada Mezzodì, numru 19, jitlobna nħabbru li hu raġa fetaħ il fabrica għat-tisŭija tal mirja li juru ħażin u tal mirja imtebbgħa jeŭ li għandhom bżonn jarġgħu jiġu *argentati*, chif ucoll għal cull xogħol ieħor ta żina u chitba fuk il mirja għat-tabelli, reclamijet u ħŭejjeġ hecc. Aħna nirriccmandaŭħ ferm, għax nafu li hu tal ħila u tgħallem għand min jaf tas-seŭ din is-sengħa sabiħa u diffiċli. Is-Sur Azzopardi, li hu ucoll Ircantatur mit-tajjbin, ħakku min jagħmillu il kalb, għax mal ħeġġa għandu l'imgiba tajjba.

## Minn gimgħa għal oħra.

*17 ta Ottubru.* Il Gvernatur ħareġ *Proclama* (1) biex ħall il Consill, u *Notificazjoni* (2), li fiha ir-risposta li bagħtlu Mr. Harcourt, is-Segretarju Principali tar-Re għal Colonji, fuk li chienu talbu il Maltin lil Prim Ministru Mr. Asquith, meta chien haŭn Mejju li għadda, biex il Consilieri maħtura mil poplu icunu actar minn daŭc tal Gvern, u fuk li kallu Mr. Clauson li jista isir, jecc katt ma jgħaddix li talbu il Maltin. Ir-risposta hija li jiddispjaciħ ħafna li ma satgħax isib ragjun biżżejjed biex il Costituzjoni ibiddilha minn chif inhi, u li issir prova ta dac li ŭebblu biħ Mr. Clauson, li għandu f'rasu li icun jisŭa biex il Consilieri tal Gvern u'l Consilieri tal Poplu icunu jakblu bejniethom u jimxu għalenija.

*18 ta Ottubru.* Ŭara ix-xita ŭaħxija tal Ħamis li għadda chien collħadd kalbu ittaktak jistenna li jisma b'ħafna disgrazzi; imma, għad li ħabtu ħafna sajjetti fuk id-djar, ma nstamgħetx ħlief disgrazzja ŭaħda. Żeŭġ titfal, l'ŭieħed ta tnax il sena u l'ieħor ta tlittax, ŭakt dic ix-xita chienu telku minn Bormla għaż-Żejtun biex jinġabru f'darhom. Fit-triek ntekgħu ma carrozzin u kabdu miegħu biex jeħelsu mil ilma li chien ġa għola seŭŭa fuk l'art. Imma, msejcnin ta tfal! ŭaka iż-żiemel u 'l carrozzin nkaleb; chellhom jerħu u sabu ruħhom maħcumin mil ŭied li ġarrhom miegħu. Mkabbad mal carrozzin chien hemm tifel ieħor, li laħak żammu il carozzier. It-tnejn l'oħra sabuhom il pitgħada mgħarrkin f'ħofra mfaŭra bl'ilma in-naħa ta Għajn Dŭieli. Lil Arcipriet tal Isla chien għoddu ġralu bħal daŭc iż-żeŭġ titfal; ġà chien ħadu darbtejn il ŭied u chien jibka iġorru, li ma taŭhx l'ajjut żeŭġ żagħżagħ, li ŭassluh għand il Cappillan ta Ħaż-Żabbar, fejn chellu jgħaddi il-lejl, għax ma satgħax jarġa l'ura l'Isla. Ŭieħed minn daŭn iż-żagħżagħ jigi ħu ŭieħed minn daŭc iż-żeŭġ titfal li għerku. Ħaż-Żabbar għamlu tlittax il pulzier ilma, l'Isla ħmistax u'l Birgu sittax. Tasseŭ li nfetħu bŭieb is-sema!

*19 ta Settembru.* Is-Sanità, ŭara ix-xita kaŭŭija li għamlet, tŭissi li sa ħmistax il ġurnata mill ankas m'hux ta min jixrob ilma bla mgħolli. Għas-saħħa katt m'hu iż-żejjed.

*21 ta Settembru.* Il lejl li għadda il Mellieħa ŭaħda katlet lil żeŭgħa b'dakka ta mgħażka. Hi kalet li chellha xi tgħid miegħu fuk interess u li ħabat għaliha u għidimha. Chienu ilhom miżżeŭgin sentejn u għandhom tarbija ta seba xhur. Ir-rapport lil Pulizija mar tah il missier, ŭara li bintu kaltlu bli chienet għamlet. M'aħniex ħlief nisimgħu bi ktil u b'ferimenti; dac ta bissicchina biex jivvendica ruħu, l'ieħor spara għax gietu l'għira jeŭ biex jisrak; il gvern ħareġ il ligi li ħadd ma jista igib armi mingħajr is-sensja u l'abbus tagħhom actar chiber. He! mux il ligi tal bniedmin li tbażża u trażżan il passjonijiet ħżiena, imma il biża t'Alla. Jecc jibred dan għalxejn ma tisŭa dic.

*23 ta Settembru.* *L'Invincible*, hecc chif tasal il port, għandha tidħol il bacir għat-tisŭija.

—Il flotta tal Mediterran flimchien mgħal bcejjeċ l oħra collha li għandhom jieħdu parti fil manuvri icunu haŭn għal eŭŭel tad-dieħel.

IL ĦABBÀR.

(1) *Proclama* gejja minn *proclamare*, ixxandar.

(2) *Notificazjoni* gejja minn *notificare*, tgħarraf.

## Id-devozzjoni ta Malta lejn Gesù Sagramentat.

Sitt xhur ilu, saħħu f' Malta iċ-ċchejcna tagħna, ġrajja cbar u sbieħ,li katt ma conna nobsru bihom. Fil gżira tagħna nġabru Prinċpijet tal Cnisja, mhux ftit Iskfijet mil krib u mil bgħid, sa mill' Aŭstralja, kassisin, patrijet u seculari minn cull nazzjon u fosthom cbarat, (insemmu biss id-Duca ta Norfolk) unur u glorja tal Inghilterra cattolica. Smajna discorsi bit-taljan, bl'ingliż, bit-tedesc, bil francis, b'li spanjol, ħadna sehem fil funzjonijet reljgjusi l'actar solenni. Rajna flaħħarnett it-trijonf ta Gesù Sagramentat fl'eluf u eluf ta tkarbin, fi processjonijet gŭappi,fil kima publica u minn cullħadd Lilu mogtħija. Għaddejna gimgħa tas-sema, u it-tifchira tal Cungress Eŭcaristicu la tmur minn moħħna, cbar, u ankas minn moħħ uliedna, żgħar. Meta irridu nsemmu l'isbaħ ħaġa li rajna insemmu l'*Erbgħa u għoxrin Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali ta Malta*: it-tifchira tiegħu biss hi biż-żejjed biex inxerrdu minn għajnejna id-dmuħ tal ferħ u faraġ, li bil cotra xerridna f'daŭc il ġranet imkaddsa.

Xi ħadd minn ta barra tmeżmeż għall-eŭŭel li għall Cungress Eŭcaristicu giè magħżul, biex fiħ isir, dakxejn ta scoll, midfun f'nofs il Mediterran. Uħud għemgmu, għax ŭisk icbar minn'na għall cotra tan-nies u għall cobor tal pajjiż,geŭ mŭarrba, oħrajn xandru li il Cungress Eŭcaristicu ta Malta sejjer icun ħrafa. Iżda, mita daŭc in-nies ta cull gens,ilsien u pajjiż geŭ Malta, actarx kalbhom ittaktak li il Cungress m'hux sejjer jirnexxi, bcheŭ bil ferħ u stkarru li irnexxa bħall'oħrajn u għal certi ħŭejjeġ *ŭisk iżjed mill'oħrajn*.

Liema chienet ir-ragjuni tal għażla ta Malta għal biex fiha isir dac il Cungress Eŭcaristicu internazzjonali? Naħsbu li chienet l'istess ragjuni, li għaliha tant irnexxa u baka msemmi il Cungress tagħna: u din hi id-devozzjoni cbira, sħiħa u kaŭŭija tal Poplu Malti lejn Gesù Sagramentat.

U bir-ragjun: Gesù Sagramentat hu l'akŭa teżor li għandha il Cnisja, hu l'egħżeż gid li jista' icollu in-nisrani. Għalhecc ictar ma hi kaŭŭija il fidi, ictar ma hi sħiħa ir-rabta mal Cnisja, iżjed għandha tcun id-devozzjoni lejn Gesù Sagramantat. Jecc, immela, bħalma jingħad minn xi Maltin, il fidi hi fina ŭisk kaŭŭija, bħalma ŭisk sħiħa hi ir-rabta tagħna mal Cnisja, ŭisk cbira ucoll għandi insib fina id-devozzjoni lejn Gesù Sagramentat. U hecc hu tabilħakk.

Ma ngħidx li f'cullħadd hi xorta; fostna ucoll ir-*rispett uman* hu dieħel ġmielu: mhux, le, tant fost il ħaddiema u in-nies tas-snajja, daks chemm fost il persuni ta certa classi u ta xi professjoni, li imisshom il-kuddiem actar mill'oħrajn filli juru din id-devozzjoni u jatu kima cbira lill Gesù Sagramentat, huma li tant jafu ineħħu cpiepel u ibaxxu rashom, u jagħmlu cumplimenti lin-nies tad-demm u il laħam bħalhom, għax forsi minn għandhom jistennew xi ħaġa.

Naraŭ ŭaħda ŭaħda id-devozzjonijet tagħna lejn li Mkaddsa Eŭcaristija, nokogħdu attenti li nseħħu fihom u ma nħalluhomx igħibu.

L'eŭŭelnett, ta cull jum filgħodu jeŭ filgħaxija, mita ma icunx darbtejn, jeŭ ucoll iżjed, nisimgħu il kniepel, nistgħu ngħidu ta cull Cnisja Sagramentali, idokku għall benedizzjoni: u il poplu jinġabar u mixħut għar-rcopptejħ ifaħħar il Gesù Sagramentat; imbgħad,b'ŭiċċu fl'art jircievi il barca tiegħu. Mument solenni! Hu il Missier li joħroġ jifraħ b'uliedu! Huma l'ulied li jinxteħtu f'riġlejn il Missier, jitolbuħ grazzi! Intant il kniepel idokku biex iħabbru lin-nies li ma setgħux jinġabru fil Cnisja li Gesù kiegħed lilhom ucoll ibierec; u inti tara il ħaddiem gej għajjèn mix-xogħol jakla minn rasu il cappel, irodd is-salib u ma jitgħattiex kabel ma tiekaf il kampiena, sinjal li il barca spiċċat. Xi ngħidu minn dac l'użu sabiħ li f'uħud jinsab, li mhux cuntenti li ineħħu il cappell u iŭakkfu id-discors, iżda jinżlu ucoll għar-rcopptejhom, anche xi minn dakkiet jecc icunu barra?

Użu dan l'actar sabiħ, li għandna nicconservaŭħ. X'jisŭielna li inneħħu għal minuta il cappell minn rasna b'kima lejn is-Sultan tas-Slaten jecc dan nagħmluħ spiss mal bniedmin bħalna?....

Draŭŭa sabiħa oħra f'Malta hi dic li ngħidulha *il mota tal Ħamis*. Cull nhar ta ħamis fil għaxija, għal tal imŭiet, inti tisma il kniepel ta Malta collha idokku bil cbir mota l'iżjed solenni. Għal kniepel tal belt iŭiegħbu daŭc tan-naħħa l'oħra, u maħħom jingħakdu tal campanja. Huma mijet u mijet ta ilsna tal bronż, li issemgħu ma Malta collha il leħnijet taħħom, issa ħelŭa, issa ħoxnin. Iż-żgħar jitħalltu mal cbar u jifformaŭ leħen ŭieħed. Oħ xi ħleŭŭa tcun fuk il baħar, fuk bastiment barra il port sabiħ tagħna, f'lejla sabiħa u ċara! Donnhom il cŭiecheb kiegħdin jitchellmu mal kniepel, daŭc bit-tlellix taħħom u daŭn b'leħenhom. X'in hu li ġara da'l ħin f'Malta, jistaksi il frustier? X'in hu da'l ferħ? Għaliex dan id-dakk collu? U il pajżan iŭieġeb: Din il mota tal Ħamis. U x'in hi din il mota tal Ħamis? Aħ! ma tafx jeŭŭilla li f'lejla sbejjħa tal Ħamis, Gesù Cristu Sidna mar jistitŭixxi il cbir Sagrament tal imħabba, is-Sagrament tat-Tkarbin? Ma tafx li, f'lejla ixxurtjata tal Ħamis, Gesù neŭŭel lill'Appostli il Gisem u id-Demm tiegħu taħt xbiħat ta ichel u xorb; u kallhom: «Ħudu u culu, ħudu u ixorbu minn dan b'tifchira tiegħi?» Sata għamlilna rigal acbar minn dan? Għalhecc f'cull lejla tal Ħamis, Malta tiżżi-ħajr lill Gesù għal dan il Cbir Sagrament bil leħen tal kniepel collha taħħa, u tistieden l'uliedha biex collha jatu kima u foħrija lill Gesù Sagramentat.

Ŭaħda mil ħŭejjeġ li juru il premuri tal Cnisja għas-salvazzjoni ta uliedha, hu li mkaddes Vjatcu. Il chelma *vjatcu* tfisser l'*ichel meħtieġ għal xi vjaġġ*. In-nisrani fil ħin li jasal biex jagħmel il cbir vjaġġ tal eternità, għandu bżonn ta ichel biex jigi sostnut, u il Cnisja ħanina tneŭŭillu il Gisem għażiż ta Cristu taħt ix-xbiħa tal ħobż, veru vjatcu għall cbir vjaġġ. F'bosta pajjiżi il Cnisja tneŭŭel il vjatcu lill morda u lill moribondi bil moħbi, qŭasi bis-serka, għax ma tistax tagħmel ieħor. Imma f'Malta, lè,

Il kampiena bit-tocchi taħħa tavża lill poplu li Gesù sejjer jagħmel żjara lil xi marid: u bi nhar tara uħud iħallu xgħolhom u jiġru biex jaccumpanjaŭ il Gesù Sagramentat, li joħroġ solennement u publicament kalb id-dŭal u xi minn dakkiet l' incens. Ma tulec, ja triek, minn fejn igħaddi il vjatcu, cullħadd ineħħi il cappel u jixteħet għar-rcopptejħ rasu baxxa jadura il Gesù moħbi fl'idejn tas-Sacerdot. Daŭc li icunu fil ħŭienet, joħorġu għar-rcopptejhom fuk il għatiebi: daŭc ta ġo id-dar jixxerrfu mit-tŭieki biex ikimu il Gesù Ostja. F'li schejjel, is-Surmast jiscot mil lezzjoni u li sculari għar-rcopptejhom fuk il banchijet jaduraŭ il Gesù Sagramentat għaddei mit-triek. Saħansitra iż-żgħażaħ tagħna studenti tal Università, verament mingħajr *rispett uman*, ŭakt li stess eżamijet, li fihom icunu qŭasi mitlufa mid-dinja, attenti għal dac li kiegħdin jictbu għax minnu tiddependi il carriera taħħom, tarahom, (u dan nixhdu jen, li cont ucoll f'daŭc l'eżamijet fil ħin li għadda vjatcu) jiekfu mil chitba biex jinxteħtu huma ucoll għar-rcopptejhom, għalavolja jitilfu ftit taż-żmien li għalihom hu ŭisk u ŭisk prezzjus.

Xi ngħidu mita il Vjatcu joħroġ bil lejl? Oħ allura hi ħaġa li, fis-semplicità taħħa, ticsirlec kalbec. Dic ir-ringhiela tŭila-tŭila ta fanali mixgħula, migjuba minn nies rashom baxxa, dac il cant tal *Miserere*, imbagħad il baldacchin u taħtu is-Sacerdot bl'Ostja Mkaddsa. Ŭara dic il migimgħa cbira ta rġiel u nisa bil curuna f'idhom igħidu ir-Rużarju, dic il kampiena li kuddiem nett b'leħen dejjem xorta tħabbar lin-nies li riesak IS-SINJUR, dac is-schiet li jaka fit-torok, fejn tilmaħ il cullħadd jekaf u jinxteħet għar-rcopptejħ mil bgħid; tħoss il fidi fic titkankal kaŭŭija, tħoss kalbec tingħafas, tħoss demgħa nieżla; u mil kieħ tal kalb joħroġ ŭaħdu it-talb. Iżda x'in hu?

Il Maltin fid-devozzjoni taħħom għarfu isibu ħaġ'oħra biex jatu kima lill Gesù Sagramentat. U inti tara, malli fi triek midfuna fid-dlam tal lejl tinstama il kampiena tal vjatcu, eccu bid-daŭl it-triek tintela. U fuk il għatiebi u fit-tŭieki u il gallarijet inti tara l'omm tal familja ma uliedha jixxerrfu bil lampi f'idhom. It-triek għalhecc issir ħuġġieġa ŭaħda għall mgħodija ta Gesù Sagramentat. Sgur li din il luminazzjoni hi ŭisk iżjed magħġjuba lill Gesù, mil luminazzjonijet cbar li isiru fil festi biż-żejt, bil gas u bil *luce elettrica*. Nassiguracom li bniedem strangier f'Malta, jecc ma icunx jemmen, għandu jekaf u jaħseb jecc ir-Religjon tagħna u mhux tiegħu hi il vera: u jecc icun nisrani, għandu iħoss fiħ il fidi ticber u kalbu tinħall, mita bil lejl jara xi vjatcu minn tagħna.

*(Jissocta)* S. C. Z.

# Chitbulna:—

PUSSESS.

Nhar it-tlieta 21 ta Ottubru fil Cnisja tal Madonna tal Pietà ġol Belt Valletta, imsejħa il Cnisja taċ-Cemiteru Nibbia, u comunement iz-*Zuntier*, sar solennement il pussess tal ufficiali giodda tal cumpanija magħrufa bl'isem *Compagnia della Madonna della Pietà, Morte ed Orazione*. L'ufficiali huma daŭn: *Rettur*, Cavalier Robert Balbi—*Assistenti*, I, Cesare Mercieca, II, Vincenzo Cauchi— *Segretariu*, Ed. Asciak Mifsud, P.L.—*Procuratur tal Cnisja*, Carlo Caruana—*Second procuratur*, Daniele D'Alessandro—*Procuratur tal giubilazioni*, Antonio Formosa,—*Depositariu*, Angelo Zahra—*Consulturi*, I, Rosario Muscat, II, Lorenzo Azzopardi, III, Agostino Matrenza, IV, Giuseppe Mercieca. Iċ-cerimonia tal pussess saret b'solennità l' actar cbira biz-zelu tal ġdid procuratur is-Sur Carlo Caruana. Ŭara il Benedizioni jiltakgħu il cunfratelli fis-sagrestija u tchellem il Patri Spirituali Dun Giusepp Scarpello, li għalieħ ŭiegeb is-Sur Robert Balbi, u imbagħad b'discors actar tŭil is-sur Axiak Mifsud.

Din il funzioni solenni u commoventi f'li stess ħin, hi l'aŭguriu tal progress cbir li il Cumpagnia tistenna, bil ħidma tal Patri Spirituali, tar-Rettur u tal Officiali giodda.

II.

Fis-26 ta Ottubru, 1913.

Sur Ġusè,

Nispera li inti, chif għaraft tagħmel dejjem, ma tŭiegibx ħlief bid-dinjità u bil ħniena tas-silenziu għal dac iż-*Żebbugi*, li forsi inkas *hu Malti*. Il *Habib*, necessariu u stmat minn cull min jaħsibha tajjeb, jati fastidiu ŭisk lill boloħ, lill fanatici u linneguzianti tal carti imsejħin minnhom gażetti. Ħallihom, mela, iħanbku: hemm proverbiu igħodd għalihom! L'Iskof, li m'hux *mischin* minn rasu, chif jaħseb dac il *mastru ħaŭŭad*, u il Monsinjuri, u il Cappillani li jafu dmirhom u jagħmluħ, u l'onesti collha, għandhom idea oħra mil *Habib*, chif taŭc u kiegħdin jatuc elf prova! Tixpruna żiemel ŭieħed, biex jimxi actar, ma ifisserx issaŭŭat il Cavlerija collha! Idħac daħca bħas-soltu u ħalli il daŭc li jixtieku jitkâbdu miegħec b'lagħbhom nieżel. Ibka'agħmel il gid cbir li kiegħed tagħmel bil *Habib*; u okgħod sgur li mhux lis-Superiuri tal Cnisja, mhux lir-rispettabbli Cumitat tal *Unjoni Cattolica*, mhux lin-nies serji, tal Cleru u Seculari, imma lill *ħaŭŭadin*, lin-neguzianti ta ma dŭar is-Sagristiji kiegħed tati fastidiu.

Idħac, iscot u itkaŭŭa.

Min chellha titneħħielu il Barca, ilha li tneħħietlu!

Collni tiegħec, G.(*)

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra* — L'incendju tal miniera ta Cardiff chellu conseġŭenzi actar ħorox milli ŭieħed chien jistenna, u bħalu ma ġarax minn erbgħin sena il haŭn. Mietu maħruka 417 ir-ruħ u minnhom tellgħu sa ftit ġranet ilu fuk is-sebgħin cadavru. Il funeral irnexxa bil bosta cbir għaliex eluf u eluf ta nies marru mil bliet u rħula krib: il mejtin ġeŭ merfugħa fuk l'ispallejn, u chienet ħaġa tal bichi mita tara l'ommijet, l'aħŭa, il kraba u fuk collox in-nisa tal vittimi b'uliedhom fi ħdanhom mixjin ŭarajhom. Saret ġabra għar-romol u għal iltiema, ir-Re tà 500 lira, il Marchis ta Beete 1500 ghinea, tliet cumpannijet tal faħam 1000 ghinea cull ŭieħed, u eluf u eluf ta Liri ingabru mil bliet collha. L'arbural li fetaħ il Lord Major ta Londra fi tnax il siegħa tala fuk 10,000 lira u s'issa min jaf chemm tala.

—L'Arciskof Walsh ta Dublin (Irlanda) ipprotesta ruħu li scond ma chienu irranġaŭ il capijet tas-socialisti, 300 tifel tax-xiooperanti mgeŭħa jiġu mibgħuta fid-djar tassocialisti fl'Inghilterra, għaliex hemm ma icunux jistgħu icollhom tagħlim cattolicu. Ħmistax minn daŭn it-tfal ŭaslu fit-22 taxxahar f'Kingstown u geŭ milkugħa mil kassisin cattolici u daru fuk il poplu sabiex ma iħalluhomx jeħduhom fid-djar tas-socialisti u ta nies bla fidi. Is-Sinjura li chienet għassa tat-tfal, u li hi minn Londra giet arrestata u accusata li serket lit-tfal, imma imbgħad irħeŭha b'garanzija.

*Franza*—Tmien Generali, u ħames culunnelli, geŭ ippensionati għaliex fl'aħħar manuvri ma sabuhomx capaci. Ŭieħed minnhom, il General Faurie, icun imgħoddi inchiesta għaliex chiser id-dixxiplina billi għamel protesta għal dana l'ordni.

*Portugall*—F'Lisbona ġara rvell contra il Gvern republican; iżda dana tnebbaħ fil ŭakt, sfratta collox u għamel ħafna arresti. Jistkar li ħadd mil flotta u mill'armata ma ħa parti fir-rvell; għalchemm jintaf ta bil ħakk li bosta mil pulizija, mil flotta u mill'armata geŭ arrestati. Ħafna mir-rivoluzionari libsu ta puliziotti sabiex icunu jistgħu jidħlu fl'istazionijet tal pulizija u fil ħabs, sabiex icunu jistgħu jeħilsu il prigiunieri. Xi artillieri katlu il Captan taħħom.

*Suffragisti*—Is-sinjura Penkhust, cap tassuffragisti, marret f'New York sabiex ixxeŭŭex in-nisa tal America, iżda giet arrestata—imma imbgħad telkuha f'garanzija bil ftehima li ma tokgħod actar minn ħames gimgħat u li ma ixxeŭŭex lin-nisa americani. Cull fejn tmur għandu jimxi maħħa uffcial tal pulizija bla uniformi.

*Disgrazzja* — Fil Germania kabad u xpacca Zeppelin u ŭaka' minn elf pied għoli. In-nies collha bakgħu mejtin. Dana iz-Zeppelin chien l'icbar li jesisti, it-tul tiegħu chien ta 80 kasba u il ŭisa tiegħu chien ta 8 kasab.

*Messicu*—Ville, cap tal rivoluzionarji, għandu taħt idejħ bħala capparra f'Torreon tnax l'ingliż, u mija bejn Franciżi, Tedeschi u Spanjoli—u ihedded li joktolhom jecc it-truppi tar-Republica jattaccaŭ il belt.

*Nicaragua*—Sar terremot kaŭŭi fil bliet Managua, Masaya u Granada: l'abitanti collha ġreŭ barra fil pjazez u kiegħdin jorkdu barra għal cbir biża taħħom. Ŭakgħet dar u oħrajn għad jakgħu f'Granada—Fil ŭakt stess il vulcan Santiago kiegħed jati in-nar.

*Salesiani*—L'*Osservatur Roman* iħabbarna li is-Salesiani, bl'approvazioni tal Marchis Di San Giuliano, Ministru tar-Renju tal Italja, sejrin jiftħu Istitut f'Adelia fl'Asia Minuri, u scola għall pubblicu.

*Balcani*—Għadu xejn ma jidher ċar chif sejra tokgħod il qŭistjoni bejn il Grecja u it-Turchija — issa donnhom sejrin jiftiemu, issa donnu li minn mument għal ieħor sejra targa tibda il gŭerra. L.M.C.G.

MISTOKSIJA.

Nitlob lis-Sur Ġann Vassall li ke'd jicteb dac it-tagħlim sabiħ fuk l'ortografija tal lsien Malti, illi ifissirli għaliex l'ittra *h* mita tinkara tigi maktugħa u mita tiscot ma tigix. Jecc il katgħa tfisser illi l'ittra għandha tigi imħassra jeŭ tiscot, naħseb illi ictar imissha tinkata mita tiscot, inchella mita tinkara.

ALLIEV.

Itolbu għall mistrieħ tar-ruħ għażiża tas-Sur GIUSEPPI MARIA BONNICI, li miet, haŭn il Belt ta 63 sena, nhar is-sibt li għadda, fis-6 ta fil għaxija, ŭara marda kasira u chiefra. Chien letterat u ħabib mill'aħjar. Chien ragel tal Cnisja u tal familja. Gentlom bin ieħor. Nannuħ, Dr. Giuseppe Bonnici, chien *Giurat ta Malta* fi żmien li mblocc tal Franciżi; u mita, fis-sena 1815, tneħħa il *Hachem* ta li Mdina, laħak *Reggent* f'locu. G.M.A.

MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

TAĦBIT IL MOĦĦ.

Bl'a, chemm nokgħod għat-tagħbija;
bl'i, chemm jemmnu li fran bija;
bl'u, mas-sebħ u fil għaxija. R. G.

L'aħħar *Monoverb* chien: MISMUT.

Giebuħ tnejn biss: is-Sur P.P. Grixti, mil Belt; u *Demm Sâfi ta Malti*, minn Għaŭdex.

---

(*) Nizżu-ħajr lil dan il ħabib tagħna, li għaliħ, chif hu jaf, għandna kima cbira: imma jista jibka' sgur li, chiecu ma chienetx din l'ittra tiegħu, inkas conna nieħdu l'incommodu li nakraŭ dac l'articlu: aħseb u ara chemm conna sejjrin inŭiegbu. Iżżmien tagħna nitilfuħ f'xi ħaġa aħjar. U l'azzjoni ta min jagħmilha, mhux ta min jircieviha. ID-DIREZZJONI.